

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia del País Vasco (Spanja)
fl-14 ta' Ottubru 2022 – XXX vs Randstad Empleo SA, Serveo Servicios SA, Axa Seguros Generales
SA de Seguros y Reaseguros**

(Kawża C-649/22)

(2023/C 112/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia del País Vasco

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XXX

Konvenuti: Randstad Empleo SA, Serveo Servicios SA, Axa Seguros Generales SA de Seguros y Reaseguros

Domandi preliminari

L-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 2 TUE u l-Artikoli 3(f) u 5 tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (¹), għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ġudizzjarja tal-leġiżlazzjoni Spanjola li teskludi mill-kunċett ta' "kundizzjonijiet bażiċi ta' xogħol u ta' impjieg" kumpens dovut lil ħaddiem li l-kuntratt ta' xogħol tiegħu ġie mxolji minn aġenzija ta' xogħol temporanju meta ġie ddikjarat f'sitwazzjoni ta' inkapaċità permanenti totali minħabba inċident fuq il-post tax-xogħol li huwa ġarrab fl-impriżza utenti tas-servizzi tiegħu?

(¹) ĠU 2008, L 327, p. 9.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social nº 1 de Sevilla (Spanja)
fis-27 ta' Ottubru 2022 – CCC vs Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS), Instituto Nacional
de la Seguridad Social (INSS)**

(Kawża C-673/22)

(2023/C 112/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social nº1 de Sevilla

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: CCC

Konvenuti: Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS), Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS)

Domandi preliminari

Il-Juzgado de lo Social nº1 de Sevilla jiddeċiedi li:

Jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-ambitu tal-Artikolu 267 TFUE, bid-domandi preliminari li ġejjin, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 u tal-premessa 37 tad-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (²):